MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Ottubru, 2019

Rikors Maħluf Numru 313/2015 LM

**Emanuel Vella (K.I. Nru 23958M) u martu Rita Vella (K.I. Nru 398962M)**

***vs.***

**Docklands Limited (Reg. Nru C 42813) u**
**Victoria Park Limited (Reg. Nru C 46014)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fis-7 ta' April, 2015 mill-atturi **Emanuel Vella** (K.I. 23958M) u minn martu **Rita Vella** (K.I. 398962M), (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Emanuel Vella stess, li jgħid kif ġej:

*Dikjarazzjoni tal-Fatti u Raġuni tat-Talba:*

1. *Illi l-istanti Emanuel Vella, kien direttur fiż-żewġ soċjetajiet konvenuti u ġie mneħħi minn tali funzjoni fis-sena 2010;*

2. *Illi matul il-perijodu li l-istess Vella kien direttur wettaq u ppresta diversi xogħlijiet fl-interess tas-soċjetajiet konvenuti, fosthom, servizzi reżi bħala project manager f'numru ta' proġetti ta' tlugħ ta' bini u amministrazzjoni u ġestjoni tan-negozju tal-konvenuti. Dwar dan l-aspett, l-istanti ser jelabora ulterjorment u fid-dettall fil-kors tal-proċeduri;*
3. *Illi ta' dan ix-xogħol, prestazzjonijiet u servizzi l-istanti baqa' qatt ma ġie kkumpensat, ċioe nonostante li talab li jiġi ndennizzat. Infatti l-istanti ressaq talbiet formali għal tali skop hekk kif rifless fil-missivi uffiċjali datati 29.03.2011 (nru. 1028/2011) u 17.03.2014 (nru. 811/2014) (Dok. A u Dok. B);*
4. *Illi peress li l-konvenuti baqgħu passivi u inadempjenti, l-istanti kellu jipproċedi ġudizzjarjament kontrihom sabiex jingħata dak lilu mistħoqq u dan, inter alia, in virtù tal-massima omnis labor optat praemium.*

*Talbiet:*

*Għaldaqstant, jgħidu l-konvenuti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi, għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

i. *Fl-ewwel lok, TIDDIKJARA illi l-attur wettaq u ppresta diversi xogħlijiet u servizzi fl-interess tas-soċjetajiet konvenuti, jew min minnhom;*
ii. *Fit-tieni lok, TIDDIKJARA illi l-attur għandu jiġi kumpensat u mħallas għal tali xogħlijiet u servizzi reżi lill-konvenuti, jew min minnhom;*
iii. *Fit-tielet lok, TILLIKWIDA jew TIKKWANTIFIKA ammont pekunjarju a favur tal-attur li jirrappreżenta kumpens u indennizz adegwat għax-xogħlijiet u servizzi reżi fl-interess tas-soċjetajiet konvenuti, jew min minnhom, u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;*
iv. *Fir-raba' lok, TIKKUNDANNA lill-konvenuti, jew min minnhom, sabiex iħallsu tali kumpens u indennizz lill-attur.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, inkużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-29.03.2011 (nru. 1028/2011), tas-17.03.2014 (nru. 811/2014) u tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru mressaq fit-18 ta' Marzu, 2015 u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri li tikkompeti lill-istanti, jew l-aventi kawża minnu, kontra l-konvenuti, jew l-aventi kawża tagħhom, illi huma minn issa inġunti in subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa mressqa mis-soċjetajiet konvenuti **Docklands Limited** (C 42813) u **Victoria Park Limited** (C 46014), (minn issa 'l quddiem "is-soċjetajiet konvenuti"), ippreżentata fis-26 ta' Ġunju, 2015, u maħlufa minn **Robert Zammit** (K.I. 335768M), kif debitament awtorizzat, li biha eċċepew:

*Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż kontra l-istess għas-segwenti raġunijiet:*

1. *Li in linea preliminari, ir-rikorrenti għandhom jiddikjaraw fuq liema bażi kuntrattwali qegħdin jippretendu r-riżarċiment imsemmi minnhom, stante li dan ma ħariġx ċar mir-rikors ġuramentat tagħhom, u dan bi preġudizzju għall-esponenti;*

2. *Li mingħajr preġudizzju għall-premess, fil-mertu, ir-rikorrenti ma eżerċitaw u / jew ipprestaw l-ebda xogħol fuq inkarigu tas-soċjetajiet esponenti;*

3. *Li wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, u in subordinazzjoni għall-istess, kull interess li setgħu ħadu r-rikorrenti, senjatament ir-rikorrent Emanuel Vella, ħaduh fil-kapaċità tagħhom ta' azzjonisti u fir-rigward ta' Emanuel Vella, li għal perijodu ta' sentejn kien ukoll direttur tal-imsemmija kumpannija intimati, dan kien jikkonsisti biss fl-amministrazzjoni ordinarja u mistennija minn kull azzjonist u/jew direttur ta' kumpannija privata;*

4. *Li wkoll mingħajr preġudizzju għall-premess, u in subordinazzjoni għall-istess, iż-żewġ diretturi tal-kumpanniji esponenti t-tnejn wettqu, minn jeddhom, dawn ix-xogħlijiet, biss ħadd minnhom ma fiżikament ħadem fuq l-uniku proġett li ġie attwat u li kellhom dawn l-istess kumpanniji, u dan peress li l-bini, il-ġestjoni u l-project management tas-sit twettaq mill-kumpannija Rite-Mix (Gatt Bros.) Ltd. (C 2821);*

5. *Li skont id-deċiżjoni mittieħda bejn l-ishmatarji, l-ebda wieħed mill-ishmatarji ma kellu jipperċepixxi xi ħlasijiet oħra mill-kummerċ ġestit mill-kumpanniji esponenti, għajr sehemhom mill-profitti hekk u meta dawn jibdew deħlin mill-kumpanniji esponenti;*

6. *Li r-rikorrent Emanuel Vella ġia approprja għalih ċertu introjtu dovut lill-kumpanniji esponenti, liema introjtu għandu jitnaqqas mill-profitti dovuti lilu, hekk u meta jsiru l-kunteġġi relattivi;*

7. *Salv eċċezzjonijiet oħra.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta' Ġunju, 2019, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet, wara li ġew awtorizzati jagħmlu dan fl-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2019.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-atturi taw bidu għal dawn il-proċeduri wara li bejn is-snin 2007 u 2010, Emanuel Vella kien direttur u azzjonist taż-żewġ soċjetajiet konvenuti, liema soċjetajiet twaqqfu bl-iskop li joperaw fl-industrija tal-kostruzzjoni u l-iżvilupp tal-bini. L-attur jgħid li fir-rwol tiegħu ta' direttur wettaq xogħol fl-interess tas-soċjetajiet konvenuti, fosthom bħala *project manager,* wettaq xogħol ta' amministrazzjoni u ta' ġestjoni tan-negozju, u għamel xogħol ieħor bħal żjajjar frekwenti fuq il-lant tax-xogħol, żamm laqgħat ma' periti u ħaddiema oħra li ħadmu fuq is-siti, u għal dan ix-xogħol hu baqa' qatt ma ġie kkumpensat mis-soċjetajiet konvenuti. It-talba tal-attur hi bbażata fuq il-prinċipju li *ombia labor optat premium,* kull xogħol għandu jiġi kkumpensat, u li huwa wettaq serviġi li minnhom ibbenefikaw is-soċjetajiet konvenuti, li għalihom huwa għandu dritt jitħallas. L-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-attur għamel diversi xogħlijiet u ppresta diversi servizzi fl-interess tas-soċjetajiet konvenuti, tiddikjara li l-attur għandu jiġi kkumpensat u mħallas għal tali xogħlijiet u servizzi reżi minnu, tillikwida u tikkwantifika l-kumpens pekunjarju favur l-attur għax-xogħlijiet u servizzi reżi fl-interess tas-soċjetajiet konvenuti.

Is-soċjetajiet konvenuti min-naħa tagħhom wieġbu li l-atturi għandhom jispeċifikaw fuq liema bażi kuntrattwali qegħdin jippretendu tali riżarċiment, u eċċepew ukoll li da parti tal-atturi ma ġie pprestat ebda xogħol fuq inkarigu tas-soċjetajiet konvenuti. Ġie eċċepit ukoll li kwalsiasi interess li setgħu ħa l-atturi, ħadu fil-kapaċità tiegħu ta' azzjonisti, u f'din il-kapaċità huwa wettaq xogħol ta' amministrazzjoni li hu mistennija li jsir minn kull azzjonist. Is-soċjetajiet konvenuti saħqu li ħadd mid-diretturi tas-soċjetajiet konvenuti ma ħadem fuq l-uniku proġett li kellhom dawn il-kumpanniji, stante li l-bini, il-ġestjoni u l-*project management* saru kollha minn kuntratturi u ħaddiema li tqabbdu għal dan l-iskop, u l-ftehim bejn il-partijiet kien jistipula li ebda wieħed mill-azzjonisti ma kellu jipperċepixxi ħlasijiet oħra apparti l-profitti ġġenerati mill-kummerċ ġestit minn dawn il-kumpanniji. Intqal ukoll li l-attur Emanuel Vella approprja għalih ċertu introjtu, liema introjtu għandu jitnaqqas minn sehmu mill-profitti dovuta lilu.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur tagħhom, l-atturi ppreżentaw kopja ta' ittra uffiċjali li l-atturi bagħtu lis-soċjetajiet konvenuti fid-29 ta' Marzu, 2011, fejn il-mittenti interpellaw lis-soċjetajiet konvenuti jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tas-servizzi reżi lilhom[1]; kif ukoll kopja tal-ittra uffiċjali li l-atturi bagħtu lis-soċjetajiet konvenuti fis-17 ta' Marzu, 2014[2], fejn sar riferiment għal servizzi reżi mill-atturi ta' amministrazzjoni u/jew ġestjoni tas-soċjetajiet konvenuti, kif ukoll xogħol ieħor in konnessjoni man-negozju u/jew kummerċ eżerċitat

[1] *A fol.* 6 tal-proċess.
[2] *A fol.* 8 tal-proċess.

mill-istess kumpanniji, u għal xogħol ieħor ipprestat personalment lil Robert Zammit, u għal darb'oħra kien hemm interpellazzjoni għall-ħlas ta' dak dovut mis-soċjetajiet konvenuti.

Permezz ta' nota ppreżentata mill-atturi fit-18 ta' Novembru, 2015, ġie esebit l-*affidavit* ta' **George Gatt**[3], li qal li hu direttur tas-soċjetà Rite-Mix (Gatt Brothers) Limited, u ilu f'din il-kariga għal madwar 40 sena. Spjega li l-kumpannija mmexxija minnu tispeċjalizza fil-qasam tal-kostruzzjoni u l-bini tal-proprjetà. Qal li ilu ħabib tal-attur għal diversi snin, anki minħabba li minn xi snin 'l hawn, l-attur beda jinvolvi ruħu fin-negozju tal-bini, u żied jispjega li x-xogħol tal-attur fil-kumpannija Docklands Limited kien li jieħu ħsieb imexxi n-negozju tagħha f'dak li għandu x'jaqsam ma' bini, kostruzzjoni, prezzijiet tal-bini u superviżjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp tal-proprjetà. Ix-xhud qal li s-soċjetà konvenuta Docklands Limited kellha art f'San Ġwann li xtaqet tiżviluppa, u fis-sena 2008 l-attur kien avviċina lix-xhud u talbu biex il-kumpannija tiegħu tibni l-appartamenti li Docklands Limited xtaqet li tiżviluppa fuq din l-art. Qal li x-xogħol fuq din il-plot beda fis-sena 2008 u dam sejjer madwar sena. Ix-xhud qal li hu dejjem tkellem mal-attur dwar l-iżvilupp ta' din l-art, u min-naħa tiegħu l-attur kien imur fuq il-lant tax-xogħol kuljum, u kien jinvolvi ruħu tant li jekk kien jara li kien hemm bżonn ta' tibdil fil-pjanti, kien jieħu ħsieb ikellem lill-perit hu. Ix-xhud qal li kull darba li mar fuq il-lant tax-xogħol, huwa dejjem sab lill-attur jagħmel is-superviżjoni meħtieġa, u hu qatt ma ra jew kellem xi rappreżentant ieħor tas-soċjetà Docklands Limited. Ix-xhud żied jgħid li sa fejn jaf hu, l-attur kellu r-rwol ta' *project manager* mas-soċjetà konvenuta, u l-kumpannija Rite-Mix dejjem irreferiet il-kwistjonijiet

[3] *A fol.* 25 tal-proċess.

marbuta mal-iżvilupp tal-art inkwistjoni lill-attur, u lil ħadd aktar. Qal li kull darba li kienet tinqala' xi problema teknika jew kien ikun hemm bżonn li tissolva xi ħaġa in konnessjoni mal-iżvilupp ta' din l-art, huma dejjem irreferew lill-attur. Ix-xhud qal li anki rigward il-ħlasijiet dovuta lill-kumpannija rappreżentata minnu, hu dejjem tkellem u nnegozja mal-attur, li min-naħa tiegħu kien jieħu ħsieb jagħmel il-ħlasijiet skont iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit Chris Spiteri. Ix-xhud qal ukoll li kien hemm episodju partikolari fejn l-attur kien laqqgħu ma' persuna barranija u ma' Robert Zammit, minħabba li dawn kienu interessati jixtru l-proprjetà u l-impjant tal-kumpannija tiegħu.

Fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru, 2016 xehed l-attur **Emanuel Vella**[4], li qal li apparti li kien direttur tas-soċjetajiet konvenuti, hu kien jieħu ħsieb ukoll jikkoordina x-xogħol kollu tagħhom. Qal ukoll li hu kellu 25% tal-ishma f'dawn is-soċjetajiet, u hu dam direttur u azzjonist għal perijodu ta' tliet snin, bejn is-sena 2007 u s-sena 2010. L-attur qal li l-kumpannija Docklands Limited kienet akkwistat biċċa art f'San Ġwann li fuqha kien hemm il-ħsieb li jinbnew 22 appartament, filwaqt li l-kumpannija Victoria Park Limited kienet akkwistat proprjetà oħra fi Triq il-Pijunieri, il-Qawra/San Pawl il-Baħar, u kien hu li kkoordina x-xogħol kollu sabiex sar in-negozju marbut mal-akkwist tagħha. Qal li l-proprjetà tal-Qawra kienet tikkonsisti f'dar li setgħet titwaqqa' u tiġi żviluppata. Żied jgħid li hu ngħata l-inkarigu mis-soċjetajiet konvenuti sabiex jagħmel ix-xogħlijiet, u jqabbad lil kull min kien hemm bżonn sabiex isir ix-xogħol. Qal li wara li ġew akkwistati l-artijiet, hu ħa ħsieb il-permessi, u meta dawn kienu lesti, ħa ħsieb jinkariga persuna biex taħdem fuq l-iskavar tal-blat u inkariga lil George Gatt biex jibnilu. L-attur qal li hu kien jintalab jagħmel dan ix-xogħol minn Docklands Limited, u hu kien jieħu ħsieb imur u jiftiehem il-

[4] *A fol.* 34 tal-proċess.

prezzijiet mal-persuni kkonċernati. Qal li hu ħa ħsieb jinkariga lil kull min kien meħtieġ biex jaħdem fuq dawn is-siti, fosthom *electrician* u kien jagħmel xogħol bħal tlestija ta' pajpijiet u xogħol ieħor sabiex jassigura li x-xogħol jibqa' għaddej. Żied jgħid li waqt li kien għaddej ix-xogħol, hu induna b'xi żbalji fil-pjanti, u kien hu li irsista biex il-pjanti jiġu rranġati. Qal li apparti li inkariga lill-persuni li kellhom jaħdmu fuq il-bini ta' dan is-sit, hu ħa ħsieb ukoll li dawn il-proprjetajiet jurihom lil persuni li kienu interessati li jixtruhom. Żied jgħid li hu kien jikkomunika mal-ħaddiema kemm bit-*telephone* kif ukoll billi jkellimhom direttament. L-attur żied jgħid li meta s-soċjetajiet konvenuti wrew interess li jixtru d-dar fil-Qawra, kien hu li nnegozja dwar il-prezz, kif ukoll ħa ħsieb li jħejji l-pjanti li eventwalment ġew iffinalizzati minn perit. L-attur qal ukoll li hu kien ilu involut fis-settur tal-kostruzzjoni madwar 30 sena, iżda eventwalment kien iddeċieda li jinvolvi ruħu mas-soċjetajiet konvenuti wara li kien biegħ dar lil Robert Zammit u dan ħajru biex jibdew jagħmlu negozju flimkien. Qal li għamlu biċċa xogħol flimkien u marru tajjeb, u minn hemmhekk id-diretturi l-oħrajn tas-soċjetajiet konvenuti bdew jinkoraġġuh biex jibda jieħu ħsieb dawn il-kumpanniji. L-attur spjega li hu akkwista 25% tal-ishma f'kull waħda mis-soċjetajiet konvenuti, u għalhekk kien fl-interess tiegħu li jaħdem ħafna sabiex eventwalment jieħu sehmu mill-profitti ġġenerati. L-attur qal li sa dak iż-żmien il-ħsieb kien li hu jieħu dak li jieħdu l-azzjonisti l-oħrajn, u kien għalhekk li hu warrab ix-xogħol kollu tiegħu u ntefa' jaħdem fuq ix-xogħol tas-soċjetajiet konvenuti. Qal li darba fost l-oħrajn, l-*accountant* tiegħu ġibidlu l-attenzjoni li hu ma kienx għadu direttur tas-soċjetajiet konvenuti. Żied jgħid li hu kien avviċina lid-diretturi l-oħra u staqsihom dwar ir-raġuni għal dan, iżda minkejja li għal xi żmien kienu reġgħu għamluh direttur, xorta waħda ma xtaqx li jibqa' jaħdem mas-soċjetajiet

konvenuti.[5] L-attur qal li meta huwa ddeċieda li jitlaq mill-kumpanniji, kien hemm laqgħa quddiem l-avukat tas-soċjetajiet konvenuti, u dak iż-żmien hu ġie mwiegħed li ser jitħallas tax-xogħol kollu li kien għamel. Spjega kif hu għamel ħafna xogħol u qadi ta' kuljum, inkluż biex imur jara artijiet oħra, u kien hemm drabi meta hu inkariga persuni biex jaħdmu fuq is-siti tas-soċjetajiet konvenuti, u spiċċa jħallashom hu minn butu minħabba li dawn ma ridux iħallsu. Fost il-ħaddiema li kien qabbad hu u ħallashom hu, kien hemm *electrician* u bajjad. L-attur qal ukoll li hu qatt ma tħallas tat-telefonati li kien jagħmel, jew tal-petrol li kien jaħli, u hu kien dam jaħdem b'dan il-mod għal perijodu ta' tliet snin. Lill-attur sarlu suġġeriment mill-avukat difensur tas-soċjetajiet konvenuti, li hu kien mar jaħdem mas-soċjetajiet konvenuti minħabba li kien issellef xi flus mingħandhom. L-attur iżda qal li dan ma kienx il-każ, u hu kien biegħ proprjetà lis-soċjetajiet konvenuti, filwaqt li qal li hu qatt ma kien issellef flus mingħandhom.

Fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2016 xehed **Orazio Vella**[6], li qal li hu kuntrattur, u kien ilu jaf lill-attur diversi snin. Qal ukoll li hu kien mar jara l-plot ta' San Pawl il-Baħar li kellha titwaqqa' u kien ta stima tax-xogħol, iżda żied jgħid li dak ix-xogħol baqa' ma sarx. Ix-xhud spjega li meta l-attur urieh dan il-post, hu kien jaf li dan kien qiegħed jaġixxi għan-nom ta' Docklands Limited. Ix-xhud żied jispjega li hu kien jaf li sħab ma' Emanuel Vella fuq dak il-proġett kien hemm ċertu Robert, iżda qal ukoll li dan qatt ma kien ikun miegħu fuq is-sit. Qal li b'kollox hu mar fuq is-sit tliet darbiet sabiex jara xi spejjeż kien hemm involuti.

[5] Fi kliem ix-xhud, "... imma mbagħad meta ... ndunajt li qabdu u neħħewni minn direttur, jien mort u għidtilhom din x'biċċa xogħol hi? Lanqas għidtuli xejn. Fil-fatt, mill-affarijiet tal-kumpannija jidhru li neħħewni u reġgħu daħħluni u reġgħu ħarġuni. Imbagħad insomma ma ridtx naħdem iżjed għax f'qalbi għidt hawn iċ-ċajt. Ma nistax naħdem hekk, ma nafx fejn qiegħed."
[6] *A fol.* 43 tal-proċess.

**Orazio Vella** kompla jixhed waqt l-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017[7], fejn qal li apparti l-proprjetà ta' San Pawl il-Baħar li kien xehed dwarha fl-udjenza preċedenti, l-attur kien ħadu wkoll fuq proprjetà oħra f'San Ġwann. Qal li hu mar jara s-sit mal-attur minħabba li kien hemm xi xogħol ta' skavar li kellu jsir, u hu kien għamel dan ix-xogħol u ħaffer ġiebja wkoll. Ix-xhud qal li l-attur kien spjegalu li Docklands Limited kienet is-sid ta' dik il-proprjetà, u hu kien dam jaħdem fuq dak is-sit madwar tliet ġimgħat. Żied jgħid li tul dak il-perijodu ta' żmien, ix-xogħol ta' sorveljar kien isir mill-attur, li kien jiddiskuti dak li hemm bżonn isir mal-ħaddiema tax-xhud. Ix-xhud qal li hu kien imur fuq is-sit darbtejn kuljum, filgħodu u filgħaxija sabiex jara li x-xogħol ikun miexi. Qal ukoll li meta lesta x-xogħol fuq is-sit, kien tkellem mal-attur u tħallas mingħandu.

Permezz ta' nota tal-15 ta' Frar, 2017, l-atturi ppreżentaw l-*affidavit* ta' **Mark Camilleri**[8], li qal li hu wieħed mid-diretturi ta' CE Installations Limited, u kien ġie inkarigat mill-attur sabiex jagħmel xogħol fi blokk appartamenti ġewwa San Ġwann, fejn installa pajpijiet tal-elettriku f'kull appartament qabel ingħata l-konkos. Ix-xhud qal li kemm bħala xogħol kif ukoll bħala ħlasijiet dovuti lilu, hu dejjem kellu x'jaqsam mal-attur, u hu ilu jaf lill-attur diversi snin tant li ħadem miegħu fuq madwar għaxar blokok ta' appartamenti. Qal ukoll li l-attur ġieli laqqgħu ma' Robert Zammit, iżda kull meta kellu bżonn xi ħaġa jew jiddiskuti xi pagamenti, hu dejjem iddiskuta mal-attur u mhux ma' Robert Zammit. Ix-xhud qal ukoll li meta ġie biex jitħallas, hu ġabar il-flus dovuti lilu mingħand Emanuel Vella.

[7] *A fol.* 54 tal-proċess.
[8] *A fol.* 68 tal-proċess.

Permezz ta' nota oħra tas-17 ta' Marzu, 2017, l-atturi ppreżentaw l-*affidavits* ta' Jonathan Camilleri u ta' David Calleja, kif ukoll ippreżentaw *invoice.* Ix-xhud **Jonathan Camilleri**[9] qal li hu jaħdem bħala bajjad, u ilu f'dan ix-xogħol madwar ħdax-il sena. Qal li lill-attur ilu jafu diversi snin minħabba li kien jgħaddilu x-xogħol. Kompla jispjega kif darba fost l-oħrajn l-attur kien qallu li hemm blokka appartamenti u garaxxijiet f'San Ġwann li riedu jinksew u jitbajdu, għalkemm żied jgħid li wara li lesta x-xogħol fuq il-garaxxijiet kienet inqalgħet kwistjoni minħabba li s-soċjetà Docklands Limited ma riditx tħallsu, u konsegwenza ta' dan hu kien waqaf jaħdem fuq il-blokka. Qal li għax-xogħol li laħaq lesta kien ħallsu l-attur, u l-ammont kien ta' madwar €4,000. Ix-xhud qal ukoll li hu ma kienx iżomm karti tan-negozju. Qal li x-xogħol ta' kisi li kien meħtieġ li jsir dam sejjer madwar tliet ġimgħat, u matul dan iż-żmien l-attur spiss kien imur fuq il-lant tax-xogħol sabiex jara x-xogħol kif kien sejjer. Ix-xhud qal ukoll li meta kienet tinqala' xi problema, hu kien jiddiskutiha mal-attur. Qal ukoll li l-unika persuna li kienet tkun fuq is-sit tissorvelja x-xogħol kien l-attur.

Ix-xhud **David Calleja** fl-*affidavit* tiegħu[10] qal li għamel xi żmien jaħdem għal rasu fis-settur tal-kostruzzjoni bħala bajjad, u għamel żmien fejn kien jaħdem bi sħab ma' Jonathan Camilleri. Qal li l-attur kien jgħaddilhom xogħol ta' kisi u tibjid, u darba minnhom l-attur kien talabhom imorru jaħdmu fi blokka appartamenti ġewwa San Ġwann. Qal li hu kien jaf li l-attur ma kienx is-sid tal-blokka, u meta hu u Jonathan Camilleri bdew ix-xogħol, huma bdew mill-garaxxijiet ta' taħt l-appartamenti, fejn damu jaħdmu madwar tliet ġimgħat. Qal li meta lestew ix-xogħol fuq il-garaxxijiet, kien inqala' diżgwid bejn l-attur

[9] *A fol.* 70 tal-proċess.
[10] *A fol.* 72 tal-proċess.

u l-kumpannija Docklands Limited, u ma kienx jaf min kien ser iħallsu, u għalhekk kien waqaf mix-xogħol tiegħu. Ix-xhud qal li għax-xogħol li laħaq sar fuq il-blokka, hu u Jonathan Camilleri kienu tħallsu mingħand l-attur, u l-ammont inkwistjoni kien ta' madwar €4,000. Qal ukoll li l-attur sikwit kien imur fuq is-sit sabiex jara x-xogħol kif kien miexi, u minkejja li hu kien jaf li l-attur kellu *partner* fin-negozju, hu dejjem lill-attur kien jara fuq il-lant tax-xogħol.

L-*invoice* għall-ħlas li sar mill-attur lil Jonathan Camilleri u lil David Calleja għax-xogħol ta' kisi li għamlu fuq il-proprjetà ta' San Ġwann fuq inkarigu ta' Docklands Limited kienet għas-somma ta' €4,438.04.[11]

Permezz ta' nota tas-17 ta' Marzu, 2017, l-atturi ppreżentaw ukoll kopja ta' *invoice* maħruġa minn Orazio Vella[12], minn fejn jirriżulta li dan ħareġ fattura għas-somma ta' €2,795.21 għal xogħol ta' skavar li sar fis-sit ta' San Ġwann fuq inkarigu ta' Leli Vella.

Permezz ta' nota ppreżentata fl-4 ta' Mejju, 2017, l-atturi ppreżentaw prospett tad-danni[13], minn fejn jirriżulta li l-pretensjoni tagħhom f'dawn il-proċeduri hija jitħallsu kumpens ta' €139,800, u l-attur spjega li dan l-ammont jirrappreżenta kumpens għas-servizzi li huwa ta lis-soċjetajiet konvenuti bejn is-snin 2007 u 2010, matul liema żmien hu kien ukoll direttur ta' dawn iż-żewġ kumpanniji. L-attur qal li huwa għamel il-kalkolu tiegħu abbażi ta' salarju ta' €46,487.47 (LM20,000) fis-sena. L-attur spjega li huwa kien diġà involut fin-negozju ta' xiri u bejgħ tal-proprjetà, u meta kien avviċinah Robert Zammit, hu kien abbanduna n-negozju tiegħu u ffoka fuq in-negozju tas-soċjetajiet

[11] *A fol.* 74 tal-proċess.
[12] *A fol.* 76 tal-proċess.
[13] *A fol.* 79 tal-proċess.

konvenuti. Qal li hu kien jagħmel użu mill-vettura personali tiegħu għax-xogħol, li kien ifisser konsum ta' *fuel,* u *wear and tear* tal-vettura tiegħu, kien jagħmel ukoll ħafna telefonati biex jieħu ħsieb ix-xogħol tas-soċjetajiet konvenuti, fosthom sabiex jara jsibx jixtri proprjetà għas-soċjetajiet konvenuti, sabiex jinnegozja l-prezz tax-xiri, jagħmel laqgħat ma' persuni li kienu interessati jbigħu l-proprjetà tagħhom, iċempel lil kuntratturi u ħaddiema li kienu disposti jaħdmu fuq il-proprjetajiet, inkluż periti, kif ukoll diversi telefonati li kien jagħmel sabiex isolvi l-problemi tax-xogħol. L-attur qal ukoll li kien iqatta' ħafna ħin jiġri bil-karozza tiegħu, u kien iqatta' ħin konsiderevoli fuq il-lant tax-xogħol. L-attur qal li hu kien iqatta' ħafna ħin jinnegozja ma' persuni u kumpanniji biex jara kinux interessati jbigħu l-proprjetà tagħhom lil Docklands Limited jew lil Victoria Park Limited, u meta kien jinqala' l-bżonn, irrispettivament mill-ħin tal-ġurnata, hu kien imur fuq il-lant tax-xogħol sabiex isolvi l-problemi li jkun hemm. Qal ukoll li kien hemm drabi fejn hu spiċċa jħallas lill-ħaddiema minn butu, u kkonkuda billi qal li minkejja li hu interpella lis-soċjetajiet konvenuti sabiex iħallsuh dak dovut lilu, dawn baqgħu inadempjenti.

L-attur ippreżenta kopji ta' dokumenti mir-Reġistru tal-Kumpanniji bid-dettalji rilevanti dwar is-soċjetajiet konvenuti[14], kif ukoll kopja tal-Form K mibgħuta lir-Reġistratur tal-Kumpanniji, li kienet tgħid li l-attur ma kienx għadu direttur tas-soċjetà Docklands Limited b'effett mill-5 ta' Jannar, 2009[15]; kopja tal-Form K li kienet tgħid li l-attur reġa' sar direttur tas-soċjetà Docklands Limited b'effett mill-15 ta' April, 2009[16]; u kopja oħra ta' Form K li kienet tgħid li l-attur ma kienx għadu direttur ta' Docklands Limited u li ma kienx għadu qiegħed

[14] *A fol.* 82 *et seq.* tal-proċess.
[15] *A fol.* 87 tal-proċess.
[16] *A fol.* 88 tal-proċess.

jirrappreżenta lil din il-kumpannija f'materji legali u ġudizzjarji, u dan b'effett mill-5 ta' Novembru tas-sena 2009.[17] Kopja oħra ta' Form K ippreżentata mill-atturi tindika li l-attur reġa' ġie vestit bir-rappreżentanza ġudizzjarja u legali ta' Docklands Limited b'effett mill-20 ta' Novembru, 2009.[18] Dokument ieħor esebit mill-atturi[19] jindika li kemm Emanuel Vella kif ukoll Robert Silvio Zammit tneħħew jew irriżenjaw mid-diversi karigi li kellhom ma' Docklands Limited b'effett mis-6 ta' Diċembru, 2010, u jidher li din id-deċiżjoni kienet waħda finali f'dan ir-rigward, tant hu hekk li tħabbru l-ismijiet tal-persuni l-ġodda li kienu ser jassumu dawn il-karigi minflokhom. Ġew ippreżentati wkoll kopji tal-*memorandum and articles of association* tal-istess soċjetà konvenuta kif ġew aġġornati sabiex jirriflettu t-tibdil li kien hemm f'pożizzjonijiet ewlenin fl-istess kumpannija.[20] L-atturi ppreżentaw ukoll id-dettalji rilevanti mir-Reġistru tal-Kumpanniji fir-rigward tas-soċjetà Victoria Park Limited[21]; kif ukoll kopji tal-Form K li kienet tgħid li Emanuel Vella nħatar direttur ta' Victoria Park Limited b'effett mill-15 ta' April, 2009[22]; kopja ta' Form K oħra li tgħid li Emanuel Vella kien tneħħa minn direttur tas-soċjetà Victoria Park Limited b'effett mill-5 ta' Novembru, 2009, u li konsegwentement ma kienx għadu vestit bir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' din il-kumpannija; kopja ta' Form K oħra li tgħid li l-attur kien reġa' ġie vestit bir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja ta' Victoria Park Limited b'effett mit-18 ta' Novembru, 2009[23]; u kopja ta' Form K oħra li tgħid li l-attur kien reġa' ġie appuntat direttur ta' Victoria Park Limited b'effett mit-18 ta' Novembru, 2009.[24] Ġew ippreżentati wkoll kopji aġġornati

[17] *A fol.* 89 tal-proċess.
[18] *A fol.* 92 tal-proċess.
[19] *A fol.* 103 tal-proċess.
[20] *A fol.* 93 tal-proċess.
[21] *A fol.* 106 tal-proċess.
[22] *A fol.* 111 tal-proċess.
[23] *A fol.*113 tal-proċess.
[24] *A fol.* 114 tal-proċess.

tal-*memorandum and articles of association* tal-istess kumpannija, li jirriflettu l-bidliet li kien hemm f'pożizzjonijiet ewlenin fi ħdan l-istess kumpannija.[25]

L-atturi ppreżentaw ukoll kopja ta' kuntratt tat-18 ta' Frar, 2008 fl-atti tan-Nutar Dottor Annalisa Caruana, li permezz tiegħu Robert Silvio Zammit u Emanuel Vella għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà Docklands Limited, akkwistaw mingħand terzi porzjoni diviża ta' art bl-arja relattiva tagħha, li parti minnha kienet okkupata minn razzett bl-arja libera tiegħu u mmarkat bin-numru 30, u biċċa raba' retrostanti l-istess razzett bl-arja libera tagħha, bil-kejl superfiċjali ta' 400 metri kwadri ġewwa Triq San Ġwann tal-Għorgħar, bil-prezz ta' €465,864.68.[26]

Ġiet esebita ukoll kopja ta' kuntratt tat-8 ta' Mejju, 2009 fl-atti tan-Nutar Mark Coppini[27], li permezz tiegħu Robert Zammit u Emanuel Vella, f'isem Victoria Park Limited, akkwistaw mingħand terzi d-dar bl-isem 'Victoria Park', mingħajr numru uffiċjali, fi Triq l-Għaxra ta' Frar, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, bil-prezz ta' €267,878.

Ix-xhud **Robert Zammit**, wieħed mid-diretturi u azzjonist ukoll fis-soċjetajiet konvenuti fl-*affidavit* tiegħu qal[28] li hu u l-attur kienu t-tnejn diretturi u azzjonisti fis-soċjetajiet konvenuti, filwaqt li l-azzjonisti l-oħra kienu Gary Clark u Emanuel Scicluna. Ix-xhud qal li l-unika persuna li ħarġet il-flus għall-kapital ta' dawn iż-żewġ kumpanniji kien Gary Clark, u l-ftehim kien li qabel jitħallas lura l-kapital ħadd ma jieħu sehem mill-profitti, filwaqt li l-profitti ġġenerati mill-bejgħ tal-proprjetà kellhom jinqasmu bejn erbgħa. Ix-xhud spjega li qabel

[25] *A fol.* 115 tal-proċess.
[26] *A fol.* 126 tal-proċess.
[27] *A fol.* 133 tal-proċess.
[28] *A fol.* 143 tal-proċess.

ġew irreġistrati s-soċjetajiet konvenuti, Emmanuel Vella kien tahom lista ta' proprjetajiet li xtaq li jiġu akkwistati, u wara kienu ltaqgħu l-erba' partijiet flimkien u ddeċidew li kellu jsir konvenju fuq dawn il-proprjetajiet, sabiex ġiet iffurmata l-kumpannija Docklands Limited. Ix-xhud qal li hu u l-attur kellhom l-obbligu bħala diretturi, li jassiguraw li x-xogħol kollu jsir skont is-sengħa u l-arti. Ix-xhud qal li mhux minnu li l-attur kellu xi inkarigu speċifiku li jfittex siti, għalkemm żied jgħid li kellu interess li jagħmel dan, bħalma kellhom l-azzjonisti l-oħra tal-kumpannija. Qal li tul iż-żmien li damet imwaqqfa l-kumpannija, kienet inxtrat biċċa art waħda biss, u l-proprjetà ta' San Ġwann kienet inxtrat bl-intervent personali tax-xhud wara li kien avviċinah sensar u infurmah li l-konvenju fuq l-art kien waqa'. Qal li eventwalment din l-art ġiet akkwistata mill-kumpannija Docklands Limited biex tiġi żviluppata. Ix-xhud żied jgħid li hu personalment kien mar ikellem lil George Gatt flimkien ma' Emanuel Vella, u kien intlaħaq ftehim li George Gatt kellu jingħata l-inkarigu tal-kostruzzjoni ġebel u saqaf ta' dan il-proġett, inkluż it-tmexxija tiegħu. Ix-xhud qal li qabel beda l-proġett, kien ġie ffirmat ftehim ma' George Gatt dwar ir-rati tal-ħlas tiegħu, u dan il-ftehim kien ġie ffirmat mix-xhud. Robert Zammit qal li l-ftehim ma' George Gatt kien li bħala parti mill-ħlas tax-xogħol tiegħu, is-soċjetà Docklands Limited kellha tittrasferilu proprjetà ġewwa Ħ'Attard, u meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' trasferiment, kien hu li deher bħala wieħed mill-firmatarji fuq il-kuntratt. Ix-xhud qal li x-xogħol fuq il-binja f'San Ġwann dam għaddej madwar sena, u George Gatt kien tħallas mis-soċjetà Docklands Limited. Ix-xhud ikkonferma li fuq il-proġett ta' San Ġwann kien hemm il-ħtieġa li jsir xogħol ta' skavar, u għal dan ix-xogħol l-attur kien avviċina lil Orazio Vella, li kien aċċetta li jagħmel dan ix-xogħol. Qal ukoll li l-attur kien qabel li jħallas lil Orazio Vella hu, minħabba li kellu jagħti xi flus lil Docklands

Limited li ġew paċuti ma' dak l-ammont. Ix-xhud spjega li x-xogħol li sar mill-*electrician* kien jinvolvi l-mogħdija ta' pajpijiet mis-soqfa, u bħala regola l-ħlas għal dan ix-xogħol isir mat-tlestija tax-xogħol. Qal li meta nqalgħu l-problemi bejn il-partijiet, Emanuel Vella kien aċċetta li jħallas lill-*electrician* hu anki minħabba li dak iż-żmien l-attur kellu debitu mal-kumpannija Docklands Limited. Bħala prova ta' dan, ix-xhud esebixxa *invoice* maħruġa minn Mario Pickard[29] li bi tpaċija qata' dejn li kellu jagħtih l-attur, u dan flok ma ħallas lil Docklands Limited. Qal li Emanuel Vella rċieva vettura tal-għamla Land Rover Freelander mingħand Docklands Limited, li spiċċa biex innegozja għalih personali. Fir-rigward ta' Victoria Park Limited, ix-xhud qal li kien hemm sensara involuta li kienet infurmathom li kien hemm persuna interessata li tbigħ id-dar u minflok xtaqet appartament mingħand Docklands Limited, minħabba li din xtaqet iċċekken id-dar. Ix-xhud qal li l-bilanċ tal-prezz għax-xiri ta' din id-dar tħallas minn Gary Clark, li ħallas ukoll l-ispejjeż biex ġiet iffurmata s-soċjetà Victoria Parks Limited. Żied jgħid li l-ftehim bejn il-firmatarji għal darb'oħra kien li l-azzjonisti kellhom jieħdu 25% kull wieħed mill-profitt li jiġi ġġenerat wara li jitħallas lura l-kapital. Qal li in vista tad-diżgwid bejn il-partijiet, din il-proprjetà baqgħet ma ġietx żviluppata. Ix-xhud qal li mhux minnu li l-attur għamel ħafna xogħol jew kien ikollu ħafna qadi x'jagħmel, għax is-soċjetajiet konvenuti kellhom biss proġett wieħed, il-bini tal-appartamenti f'San Ġwann. Qal ukoll li l-attur tneħħa minn direttur minħabba li l-azzjonisti bdew jitilfu l-fiduċja tagħhom fih, kemm minħabba li l-proprjetajiet li hu ttrasferixxa lilhom kellhom diversi problemi, u dawn ġew trasferiti bi prezz ogħla minn dak tas-suq, kif ukoll għax l-istimi tax-xogħlijiet li ħadem fuqhom l-attur kienu ogħla mill-prezzijiet tas-suq. Ix-xhud qal li b'kollox

[29] *A fol.* 146 u 147 tal-proċess.

l-attur ikkoordina xogħol fuq medda ta' ftit ġimgħat, u bħala eżempju qal li x-xogħol ta' skavar sar kollu fuq medda ta' sebat ijiem. Qal li biex sar il-kisi tal-garaxxijiet, kien ix-xhud li pprovda l-materjal u l-*generator* u x-xogħol li kellu jsir kien fuq tliet garaxxijiet u rampa, li tlestew f'affari ta' ftit jiem. Robert Zammit qal li anki x-xogħol tal-elettriku li ssorvelja l-attur, tlesta f'temp ta' ftit ġranet, minħabba li b'kollox kien hemm sitt sulari b'seba' soqfa ta' bini, li għaddew minn ġo fihom il-pajpijiet tad-dawl. Ix-xhud qal li minħabba li l-persuni involuti fis-soċjetajiet konvenuti kienu kollha azzjonisti u/jew diretturi tagħhom, ilkoll kemm huma kellhom interess li jmexxu x-xogħol tal-kumpannija 'l quddiem, għaliex is-suċċess tal-kumpannija kien ser jirrifletti fuq il-profitti tagħhom. Ix-xhud kompla jgħid li hu jaf li l-attur kien imur fuq il-lantijiet tax-xogħol, kif kien imur hu, u kif kienu jmorru wkoll id-diretturi l-oħra tal-kumpannija meta dawn kienu jkunu Malta, minħabba li l-interess tagħhom kien wieħed komuni. Qal ukoll li fiż-żmien kollu li l-attur kien direttur, dan qatt ma bagħat kont jew ippretenda ħlas għal xogħlu, minħabba li hu kien jaf li tali ħlas ma kienx ikkontemplat fil-ftehim bejn il-partijiet. Ix-xhud qal li kull waħda mis-soċjetajiet konvenuti xtrat proprjetà waħda, u minkejja li l-attur semma ħafna xogħlijiet, ma speċifikax dawn ix-xogħlijiet eżattament x'kienu. Qal ukoll li mhux minnu li l-attur ħareġ xi flus għal ħlasijiet li suppost saru mis-soċjetajiet konvenuti, għajr għal dawk tal-kisi, tal-iskavar u tal-*electrician,* u kull ammont ieħor kien hemm *set-off* għalih. Qal ukoll li mhux minnu li minn dan in-negozju kien hemm qligħ ta' LM200,000. Ix-xhud ikkonkluda billi qal li minkejja l-impressjoni li setgħet ingħatat mill-attur fix-xhieda tiegħu, fil-fatt is-soċjetajiet konvenuti xtraw biss żewġ proprjetajiet, dik ta' San Ġwann li ġiet żviluppata minn George Gatt, u l-proprjetà ta' San Pawl il-Baħar li baqgħet ma ġietx żviluppata.

Il-kontroeżami tal-attur **Emanuel Vella** sar waqt l-udjenza tas-16 ta' Ottubru, 2017[30], fejn qal li hu kien il-*project manager* taż-żewġ soċjetajiet konvenuti. Qal ukoll li hu kien direttur ta' dawn iż-żewġ soċjetajiet, u minkejja dan, hu kien ġie infurmat verbalment li kien ser jitħallas tax-xogħol tiegħu. Żied jgħid li dwar dan ma kien hemm xejn bil-miktub. B'riferiment għall-proġett ta' San Ġwann, ix-xhud qal li l-pjan kien li hemmhekk jinbnew 21 appartament, liema bini sar minn George Gatt. Qal ukoll li dak iż-żmien hu u Robert Zammit kienu diretturi tal-kumpanniji, u ħadd mid-diretturi ma kien jitħallas tas-sehem li jagħti fil-kumpanniji. L-attur qal ukoll li d-diretturi l-oħrajn ma kellhomx għalfejn jitħallsu ta' xi xogħol li għamlu, għaliex hu biss kien jaħdem fuq is-sit tal-kostruzzjoni li kien qiegħed jiġi żviluppat. L-attur ikkonferma wkoll li sehmu mill-profitti ġġenerati mill-kumpannija kellu jkun ta' 25%. Qal li meta hu tneħħa minn direttur, il-proġett ta' San Ġwann kien diġà tela', u kien hemm xogħol li s-soċjetajiet konvenuti kienu għadhom ma ħallsux tiegħu, u kien ħallas għalih hu minn butu. Ix-xhud qal li minkejja li hu ma baqax direttur, huwa żamm l-ishma tiegħu fil-kumpannija. Qal ukoll li hu ma setax ikompli jaħdem għas-soċjetajiet konvenuti minħabba li minkejja li hu ġie mwiegħed verbalment li ser jitħallas tax-xogħol li kien għamel, fil-verità baqa' ma tħallasx. Qal li kien hemm drabi fejn kellu jħallas hu lill-ħaddiema li tqabbdu minnu, u li kienu jafu lilu. Ix-xhud qal ukoll li biex seta' jinbena l-proġett ta' San Ġwann, kien Gary Clark li ħareġ il-parti l-kbira tal-kapital, filwaqt li hu min-naħa tiegħu ħallas bi proprjetà tiegħu, kif ukoll bi ħlas ta' flus kontanti lil ħaddiema li tqabbdu minnu u li ma tħallsux mis-soċjetajiet konvenuti. Waqt dan il-kontroeżami rriżulta wkoll li s-soċjetajiet konvenuti kienu ser jakkwistaw proprjetà tal-attur li kienet għadha fuq konvenju, iżda li l-kuntratt finali

[30] *A fol.* 154 tal-proċess.

rigward din il-proprjetà baqa' ma sarx. L-attur ikkonferma li x-xogħol tal-bini tal-blokka ta' San Ġwann sar minn George Gatt, li kellu wkoll *foreman* u ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol, għal liema ħaddiema ma kienx responsabbli hu. L-attur ikkonferma li l-persuna responsabbli fuq dan is-sit kien il-perit. Minkejja dan l-attur qal li kien hu li kien jieħu ħsieb jorganizza l-ġurnata tax-xogħol tal-ħaddiema li kien ikun hemm fuq is-sit, u fost xogħol ieħor hu kien jieħu ħsieb li jqassam il-pjanti, iqassam il-ħitan, u kien jagħmel ħafna xogħol hu. Qal li dan ix-xogħol kien jinvolvi ħafna ġiri u ħela ta' petrol u telefonati. Żied jgħid li minkejja li meta ġiet akkwistata l-art il-pjanti kienu diġà lesti, fil-verità hu kellu jerġa' jirranġahom mill-ġdid, flimkien mal-perit responsabbli mill-proġett. Għad-domanda li saritlu dwar il-frekwenza li biha d-diretturi l-oħra kienu jżuru l-proġett f'San Ġwann, l-attur qal li hu lil Gary Clarke qatt ma rah hemmhekk, filwaqt li lil Robert Zammit kien jarah ftit. L-attur ikkonferma li l-kuntratt għax-xiri tal-art kien ffirmah hu flimkien ma' Robert Zammit. Qal ukoll li kien hu li qabbad lill-bajjad u lill-*electrician.*

Permezz ta' nota tal-24 ta' Jannar, 2018, il-konvenuti ppreżentaw *affidavit* ulterjuri ta' **Robert Zammit**[31], li ppreżenta għadd ta' ritratti sabiex juri kif il-proġett ta' Victoria Park għadu lanqas inbeda[32], u fuq dan il-proġett l-attur m'għamel l-ebda xogħol, ħlief li bħala direttur tas-soċjetà Victoria Parks Limited kien deher flimkien max-xhud fuq il-kuntratt għax-xiri tal-fond, u kienu qabbdu lill-Perit Colin Zammit iħejji l-pjanti u japplika għall-permessi mal-Awtorità tal-Ippjanar. Dwar il-proġett ta' San Ġwann, ix-xhud spjega li din il-proprjetà kienet dar li tinfed fuq żewġ toroq, u meta nxtrat kienet sit skavat u mħammel bil-permessi maħruġa. Qal li din bdiet tinbena fis-sena 2008, u

[31] *A fol.* 172 tal-proċess.
[32] *A fol.* 174 *et seq.* tal-proċess.

esebixxa sensiela ta' ritratti sabiex juri kif din il-blokka, għajr l-ewwel sular, hija fi stat ta' ġebel u saqaf, mingħajr tikħil u mingħajr ma ġew mgħoddija l-*wires* tal-elettriku. Żied jgħid li l-ewwel sular ġie mkaħħal, iżda għadu bla elettriku, bla ilma, bla madum, u mingħajr aperturi, u t-tikħil sar mill-kuntrattur Sander Attard u mhux fuq struzzjonijiet tax-xhud u ma sarx min jew fuq ordni tal-attur. Ix-xhud qal ukoll li x-xogħol ta' tqattigħ kien diġà sar meta nxtrat il-blokka, u kien jeħtieġ biss li jsir xi tirqim tal-iskavar li kien hemm, liema xogħol ħa ħsiebu l-attur. Ix-xhud esebixxa wkoll kopja tal-kont finali li kien inħareġ minn Rite-Mix (Gatt Bros) Limited[33], li kienet ħadet ħsieb il-kostruzzjoni tal-binja ta' San Ġwann, fejn hemm indikat li l-attur hu l-klijent u mhux il-*project manager,* u minn fejn jirriżulta li kienet is-soċjetà konvenuta Docklands Limited li ħallset lill-kuntrattur.

Il-kontroeżami ta' **Robert Silvio Zammit** sar waqt l-udjenza tat-13 ta' Lulju, 2018[34], fejn ikkonferma li l-ftehim bejn il-partijiet kien li dawn kellhom jaqsmu l-profitti bejniethom iġġenerati mill-bejgħ. Ix-xhud ikkonferma li filwaqt li l-azzjonisti fis-soċjetà kienu erbgħa, ix-xhud, l-attur, Gary Clark u Emanuel Scicluna, id-diretturi tal-kumpanniji kienu x-xhud u l-attur waħedhom. Ix-xhud qal li fl-istatut tal-kumpannija hemm speċifikat li kull azzjonist għandu jieħu 25% tal-profitti ġġenerati, bl-intendiment li meta tinbiegħ proprjetà, l-*accountant* tiddistribwixxi 25% tal-profitti lil kull azzjonist. Dwar ix-xiri tal-proprjetà f'San Ġwann, ix-xhud ikkonferma li kien hemm sensar involut, ċertu Kevin Camilleri, u dan kien tħallas tas-servizzi tiegħu. Ix-xhud qal li daqskemm kien imur fuq il-lant tax-xogħol l-attur, kien imur hu, u r-responsabbilità tal-ħaddiema u tal-proġett kienet ta' George Gatt u mhux ta' xi ħadd minnhom.

[33] *A fol.* 181 tal-proċess.
[34] *A fol.* 211 tal-proċess.

Qal iżda li kemm hu kif ukoll l-attur kellhom interess jaraw li x-xogħol isir sew. Ix-xhud qal li l-art kienet diġà mħaffra u mħammla meta ġiet akkwistata mis-soċjetà Docklands Limited, u kulma kien jonqos kien biss xogħol ta' tirqim u t-tħaffir ta' fossa, li saret minn persuna qariba tal-attur. Qal ukoll li din il-persuna tqabbdet minnhom flimkien, u kien hemm qbil bejniethom dwar dan. Żied jgħid li t-tqegħid ta' pajpijiet fis-soqfa sabiex isir ix-xogħol tal-elettriku saru minn persuna li tqabbdet mill-attur, u t-tikħil minn ġewwa sar fiż-żmien li l-attur kien għadu involut fil-proġett, filwaqt li t-tikħil minn barra tkompla mix-xhud. Dan ix-xhud spjega li x-xogħol li sar mill-persuni mqabbda mill-attur ma kienx sodisfaċenti, u l-kont ippreżentat għall-ħlas ma kienx ġustifikat għax-xogħol li kien sar. Qal li madanakollu l-ħlas għal dan ix-xogħol kien sar xorta. B'riferiment għad-diskrepanzi li kien hemm fir-rigward tal-pjanti approvati, ix-xhud qal li għand il-perit dejjem kien imur hu mal-attur, u l-uniku żball li kien hemm kien li l-plot ma kinitx mal-linja attwali tat-triq, b'diskrepanza ta' madwar għaxar piedi. Qal li mhux minnu li l-attur kien ikun fuq is-sit aktar milli kien ikun hu, u qal li wara dawn iż-żjarat fuq is-sit. hu u l-attur kienu jiltaqgħu sabiex jaraw xi żviluppi kien hemm, u jekk kienx hemm ħaddiema li kellhom jitħallsu. Ix-xhud qal li hu kien imur fuq is-sit għal raġunijiet varji:

> "Trid tikkorda n-nies, torganizza, permessi u affarijiet. Jien kont firmatarju u kont li rrid inħallas lin-nies jiġifieri ma tantx seta' jagħmel affarijiet waħdu Leli. Lanqas kieku ried."

Ix-xhud qal li hu ma kienx ikellem lill-ħaddiema, imma kien ikellem lil George Gatt u lill-*accountant* tiegħu direttament.

Fl-udjenza tal-4 ta' Marzu, 2019 xehed **Charles Gatt**[35], li qal li għall-aħħar għaxar snin kien jaħdem mas-soċjetà Rite-Mix (Gatt Bros) Limited bħala *foreman.* Qal li hu kien il-*foreman* fuq is-sit ta' San Ġwann li kien proġett tas-soċjetà Docklands Limited, u waqt it-twettiq ta' dan il-proġett, hu kien jagħmel kuntatt mal-attur u ma' Robert Zammit. Qal li d-diskussjonijiet dwar l-appalt kienu jsiru kemm mal-attur kif ukoll ma' Robert Zammit, u tul iż-żmien kollu li hu dam jaħdem fuq is-sit, kien hemm drabi fejn ra lill-attur u drabi oħra fejn kien ikun hemm Robert Zammit fuq is-sit, u kien hemm drabi fejn rahom it-tnejn flimkien. Ix-xhud żied jgħid li għalih l-attur u Robert Zammit kienu s-sidien tal-blokka. Kompla jgħid li lill-attur kien jarah fuq is-sit b'mod aktar frekwenti milli kien jara lil Zammit.

## Konsiderazzjonijiet legali

Il-Qorti eżaminat il-provi fid-dawl tat-talbiet li qegħdin isiru mill-attur, li għal xi żmien kien direttur tas-soċjetajiet konvenuti, u li istitwixxa dawn il-proċeduri minħabba li qiegħed jippretendi li jingħata kumpens għax-xogħol li hu għamel kemm dam direttur tagħhom. L-argument tal-attur huwa li x-xogħol li twettaq minnu serva ta' benefiċċju għas-soċjetajiet konvenuti, u hu kkontribwixxa b'mod attiv sabiex kiber u ġie arrekkit il-patrimonju tas-soċjetajiet konvenuti. L-attur isostni li huwa għandu jiġi kkumpensat għas-serviġi pprestati minnu tul is-snin li fihom dam bħala direttur tas-soċjetajiet konvenuti, għax minkejja li verbalment kien ġie mwiegħed li ser jitħallas għal dan ix-xogħol, huwa baqa' ma ġiex ikkumpensat. Għandu jiġi rilevat li l-attur għad illi jsostni li huwa kien ġie verbalment inkarigat bħala '*project manager*' minn min kien imexxi s-

[35] *A fol.* 233 tal-proċess.

soċjetajiet konvenuti, fix-xhieda tiegħu baqa' ma speċifikax min eżattament kien il-persuna li tah dan l-inkarigu.

Il-Qorti semgħet diversi xhieda prodotti mill-atturi, li xehdu dwar ix-xogħol imwettaq mill-attur Emanuel Vella fir-rigward ta' proġett li s-soċjetà Docklands Limited żviluppat f'San Ġwann. L-attur sejjes l-azzjoni tiegħu fuq il-fatt li bħala direttur tas-soċjetajiet konvenuti, hu kien jieħu ħsieb jikkoordina x-xogħol li kien meħtieġ li jsir, fosthom billi jsib ħaddiema disposti li jaħdmu fuq il-proġett, ikun preżenti fuq is-sit, jara li x-xogħol ikun qiegħed isir kif suppost, jieħu ħsieb il-ħlasijiet dovuti lill-ħaddiema, u qal ukoll li hu saħansitra kien inkarigat isib xerrejja għall-proprjetajiet żviluppati mis-soċjetajiet konvenuti, kif ukoll kien isib proprjetajiet oħrajn li setgħu jiġu żviluppati mis-soċjetajiet konvenuti. L-attur qal li sabiex seta' jinvolvi ruħu fix-xogħol tas-soċjetajiet konvenuti b'dan il-mod, hu ma kompliex bin-negozju personali tiegħu. Qal li kien iqatta' ħafna ħin jaħdem fuq il-proġett ta' San Ġwann, u kien jagħmel ħafna qadi bil-vettura tiegħu u diversi laqgħat u telefonati li tagħhom baqa' qatt ma ġie kkumpensat, minkejja li kien ġie mwiegħed kumpens minn min kien imexxi s-soċjetajiet konvenuti. Qal ukoll li l-persuni l-oħra li kienu involuti fis-soċjetajiet konvenuti, Robert Zammit bħala direttur, u l-azzjonisti l-oħra, ma kinux jinvolvu ruħhom direttament bl-istess mod, u għalhekk kien biss bis-saħħa tax-xogħol imwettaq minnu li l-proġett inkwistjoni seta' jitmexxa 'l quddiem. Madankollu għandu jiġi rilevat ukoll li l-azzjonista fiż-żewġ soċjetajiet konvenuti Gary Clarke, għad li ma kienx ikun fuq is-sit ta' San Ġwann bħall-attur u bħad-direttur l-ieħor Robert Zammit, kien Clarke li refa' l-akbar piż meta ħareġ il-kapital tas-soċjetajiet konvenuti.

Il-Qorti qieset kif xhieda oħra prodotti mill-attur ilkoll esprimew il-fehma li l-attur kien *hands-on* fuq dan il-proġett, filwaqt li l-persuni l-oħra involuti fis-soċjetajiet konvenuti qajla kienu jidhru fuq is-sit. George Gatt, direttur tas-soċjetà Rite-Mix Limited, xehed li wara li l-attur avviċinah u infurmah li s-soċjetà Docklands Limited kellha art f'San Ġwann li xtaqet tiżviluppa, hu kien ħadem fuq dan il-proġett bil-ħaddiema tiegħu. Dan ix-xhud speċifika li hu kellu l-perit tiegħu inkarigat mis-sit, u fuq il-post kien ikun hemm il-*foreman* li kien jieħu ċerti deċiżjonijiet u kien fuq il-ħaddiema. Dan ix-xhud qal li x-xogħol fuq il-proġett ta' San Ġwann dam madwar sena biex tlesta. Xhud ieħor li tqabbad jagħmel xogħol mill-attur kien Orazio Vella, li xehed li hu għamel xogħol ta' skavar fuq is-sit. Kemm dan ix-xhud kif ukoll George Gatt, ikkonfermaw li l-ħlas għax-xogħol imwettaq minnhom kien sar mill-attur. Ix-xhud Orazio Vella qal ukoll li minkejja li l-attur kien ħadu fuq is-sit tal-Qawra sabiex jurih id-dar li kellha titwaqqa' bil-ħsieb li minflokha jsir żvilupp, din id-dar baqgħet ma twaqqgħetx u l-proġett li kien hemm il-ħsieb li jsir hemmhekk baqa' ma sarx. Jonathan Camilleri u David Calleja, li għamlu xogħol ta' kisi u tibjid fis-sit f'San Ġwann, ukoll xehdu li huma kienu jaraw lill-attur fuq is-sit ta' sikwit, u meta ġew biex jitħallsu, kien hu li ħallashom.

Il-Qorti semgħet ukoll lix-xhud Robert Zammit, li kien direttur tas-soċjetajiet konvenuti flimkien mal-attur, li spjega li sabiex sar il-proġett ta' San Ġwann, kien biss l-azzjonist Gary Clarke li ħareġ somma flus bħala kapital. Qal li l-profitti li kellhom jiġu ġġenerati minn dan il-proġett kellhom jinqasmu bejn erba' min-nies, fosthom l-attur, u kien obbligu tiegħu u tal-attur, qua diretturi, li jassiguraw li x-xogħol fuq is-sit isir skont is-sengħa u l-arti. Dan ix-xhud spjega li madanakollu l-attur ma kellu ebda inkarigu speċifiku li jkun fuq is-sit jew li jassenja x-xogħol lill-ħaddiema fuq is-sit, għaliex il-kuntrattur li ħadem

fuq il-bini kellu l-ħaddiema tiegħu u kellu *foreman* inkarigat mis-sit. Ix-xhud Robert Zammit enfasizza li l-ftehim bejn il-partijiet kien regolat mill-*Memorandum and Articles of Association* tas-soċjetajiet konvenuti li jispeċifikaw il-mod kif għandha ssir id-distribuzzjoni tal-profitti ġġenerati. Dan ix-xhud qal ukoll li l-ħlasijiet li saru mill-attur ġew paċuti ma' flejjes li dan kellu jagħti lil Dockland Limited, u r-raġuni għalfejn l-attur tneħħa minn direttur taż-żewġ soċjetajiet konvenuti kienet għax l-attur kien tilef il-fiduċja tal-azzjonisti ta' dawn iż-żewġ kumpanniji. Qal ukoll li tul ix-xhur li fihom l-attur dam iservi ta' direttur taż-żewġ soċjetajiet konvenuti, hu qatt ma ppreżenta kont jew ressaq xi pretensjoni ta' ħlas, u l-attur kien jaf li fil-ftehim iffirmat bejn il-partijiet ma hemm l-ebda stipulazzjoni ta' xi ħlas li kellu jsir lilu bħala *'project manager'*.

Il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda ta' Charles Gatt, li ħadem bħala *foreman* fuq is-sit f'San Ġwann, li qal li minkejja li l-aktar li kien jara fuq is-sit kien lill-attur, kien hemm drabi meta kien jara ukoll lil Robert Zammit.

Il-Qorti qieset li l-attur qiegħed jibbaża l-pretensjoni tiegħu għax skont hu għal perijodu ta' tliet snin ippresta serviġi lis-soċjetajiet konvenuti, għal liema serviġi baqa' ma ġiex ikkumpensat. Minkejja li l-attur f'diversi waqtiet tax-xhieda tiegħu qal li l-ħlasijiet ta' wħud mill-ħaddiema li ħadmu fuq il-proġett ta' San Ġwann kienu tħallsu minnu, fil-prospett ippreżentat minnu dwar il-ħlasijiet li huwa jippretendi li għandhom isiru lilu mis-soċjetajiet konvenuti, l-attur ma ressaq l-ebda talba għall-ħlas ta' flus li huwa għamel lil terzi, u tul il-proċeduri ma ġab l-ebda prova sabiex jirribatti l-allegazzjonijiet li saru minn Robert Zammit, li l-flus li tħallsu mill-attur lill-terzi li ħadmu fuq is-sit, tħallsu minnu bi tpaċija ma' flejjes li huwa kellu jagħti lil Docklands Limited.

Għaldaqstant il-Qorti sejra tillimita ruħha għall-konsiderazzjoni ta' dik illi tidher li hija l-unika pretensjoni tal-attur f'din il-kawża, jiġifieri li jingħata kumpens għas-serviġi pprestati minnu tul it-tliet snin li dam bħala direttur tas-soċjetajiet konvenuti. Il-Qorti qieset illi bejn il-partijiet kien hemm ftehim bil-miktub, li jirregola l-modalità ta' ħlas li kellu jirċievi kull wieħed mill-azzjonisti fis-soċjetajiet konvenuti, jiġifieri l-ħlas ta' 25% tal-profitti ġġenerati mill-kumpanniji, u bejn il-partijiet ma kien hemm ebda ftehim ieħor bil-miktub f'dan ir-rigward. L-attur jgħid li l-pretensjoni tiegħu hi msejsa fuq il-kważi-kuntratt li kien hemm bejn il-partijiet, u hu ħadem bl-intendiment li jitħallas kumpens għax-xogħol imwettaq minnu, anki jekk bejn il-partijiet m'hemm xejn bil-miktub li jirregola dan. Il-Qorti tirrileva li din il-pretensjoni tal-attur mhijiex sostnuta minn evidenza oġġettiva. Hekk pereżempju l-attur jgħid li wieħed mill-inkarigi li kellu kien li jsib proprjetà tajba għall-iżvilupp sabiex tkun tista' tinxtara mis-soċjetajiet konvenuti, iżda jirriżulta mill-provi li l-uniċi żewġ proprjetajiet li nxtraw kienu l-art f'San Ġwann u l-proprjetà fil-Qawra li x-xogħol fuqha kien għadu ma nbediex meta ġiet ippreżentata din il-kawża. Inoltre fiż-żewġ akkwisti kien hemm l-involviment ta' sensara li kienu jafu li hemm din il-proprjetà għall-bejgħ u li offrewha lis-soċjetajiet konvenuti. L-attur ma ġab l-ebda prova ta' kemm kienu jkunu spissi l-mawriet tiegħu fuq is-sit f'San Ġwann, jew b'mod prattiku u fattwali hu x'kien jagħmel hemmhekk, ladarba jirriżulta ampjament ippruvat li fuq is-sit kien hemm kuntrattur bil-ħaddiema tiegħu u kien hemm *foreman* inkarigat mix-xogħlijiet. Huwa minnu li bħala direttur tas-soċjetà konvenuta l-attur kellu ċerti responsabbiltajiet, uħud minnhom imposti fuqu bil-liġi, iżda b'danakollu ma jfissirx li għax kien ikun fuq is-sit, kif wara kollox kellu l-obbligu li jagħmel jekk ried jassigura li x-xogħol qiegħed isir kif suppost, għandu jedd għal xi ħlas ulterjuri jew ħlas li

dwaru ma kienx hemm ftehim. Fix-xhieda tiegħu l-attur diversi drabi qal li sabiex imur fuq is-sit hu kien jaħli l-petrol u juża l-vettura tiegħu, u anki kien jagħmel telefonati a spejjeż tiegħu, iżda tul is-smigħ tal-kawża ma ressaq l-ebda prova ta' kemm sigħat kien jagħmel fuq is-sit, kemm kien l-ammont ta' petrol li ntuża minnu, jew kemm-il telefonata kien jagħmel ta' kuljum dwar dan ix-xogħol. Minn dak li semgħet il-Qorti jidher li ħadd mill-azzjonisti fil-kumpanniji konvenuti għadu ma ħa xejn mis-sehem li kull wieħed minnhom għandu jieħu mill-profitti, minħabba li s'issa l-proġett għadu ma tlestiex. Fost l-inkarigi li l-attur qal li ngħata mis-soċjetajiet konvenuti, kien hemm l-identifikazzjoni ta' persuni interessati li jixtru l-proprjetajiet li ġew żviluppati, iżda mkien ma qal kemm-il persuna avviċina u ħa fuq is-sit, jew kemm kien l-għadd ta' kuntratti ta' bejgħ li ġew konklużi bl-intervent tiegħu.

L-attur iddeċieda li jniedi l-proċeduri odjerni wara li rriżulta li minkejja li huwa żamm l-ishma tiegħu fis-soċjetajiet konvenuti u naturalment dawn għandhom il-valur tagħhom, madanakollu dawn l-ishma għadhom ma ġewx likwidati u sa issa ma kien hemm l-ebda profitti x'jinqasmu bejn l-azzjonisti, u l-Qorti hija tal-fehma li kien għalhekk li l-attur fetaħ din il-kawża sabiex jiġi kkumpensat b'mod ieħor. Madanakollu l-Qorti mhix konvinta li l-attur għandu jedd għal xi forma ta' ħlas, liema ħlas l-attur jippretendi li għandu jkun fis-somma ta' €139,800, ekwivalenti għal LM20,000 għal kull sena li huwa dam bħala direttur tas-soċjetajiet konvenuti, speċjalment meta jirriżulta li x-xogħol ta' kostruzzjoni ġebel u saqaf tal-uniku proġett li s-soċjetajiet konvenuti ħadmu fuqu, dak ta' San Ġwann, kien lest f'madwar sena.

F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Catania *vs* Agius**[36] f'kważa għall-ħlas ta' serviġi:

> "... it-talba għall-ħlas ta' serviġi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża **Delicata *vs* Saliba** deċiża fit-22 ta' Mejju, 1989, hi bbażata fuq kważi-kuntratt u mhux fuq kuntratt li nħoloq bejn min jirrendi s-serviġi u l-benefiċjarju u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-serviġi: iżda għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni diversi fatturi oħra li ftit jew wisq inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servizi reżi u l-ħlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt ekwivalenti għax-xogħol li sar iżda adegwat meħud kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ."

Kif ġie ritenut anki fis-sentenza appena ċċitata, l-istitut tas-serviġi hu bbażat fuq il-kważi-kuntratt, jiġifieri sitwazzjoni fejn hemm "fatt leċitu u volontarju li minnu toħroġ obbligazzjoni lejn persuna oħra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin".[37] Fil-każ odjern jirriżulta li bejn il-partijiet fil-kawża kien hemm l-*idem placitum consensus* jew il-volontà tal-partijiet li jirregolaw ir-relazzjoni kummerċjali ta' bejniethom bil-mod iskritt, u għalhekk teżisti dik ir-rabta kontrattwali bejniethom li tirregola l-aspetti kollha ta' din ir-relazzjoni, inkluż il-ħlas li kull wieħed mill-partijiet involuti għandu jieħu, jiġifieri, il-ħlas ta' 25% tal-profitti li jiġu ġġenerati mis-soċjetajiet konvenuti. La fil-*Memorandum and Articles* tas-soċjetajiet konvenuti u lanqas permezz ta' riżoluzzjoni tal-bord tad-diretturi jew tal-azzjonisti tas-soċjetajiet konvenuti ma kien hemm ftehim dwar rinumerazzjoni għad-diretturi. Barra minn hekk ladarba l-azzjonisti tas-soċjetajiet konvenuti inkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, għandu jiġi preżunt li dak li riedu jiftiehmu fuqu niżżluh f'dik l-iskrittura.[38] Il-Qorti hija tal-fehma li l-kumpens tal-attur għal xogħlu għandu jimmaterjalizza ladarba l-ishma tiegħu jiġu likwidati jew ladarba jiġu distribwiti l-profitti ġġenerati mis-

---

[36] P.A., 11.12.2003.
[37] L-artikolu 1012 tal-Kodiċi Ċivili.
[38] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Farrugia *vs.* Piscopo**, App. 31.05.1943, Kollez. Vol.XXXI.i.627.

soċjetajiet konvenuti, u fin-nuqqas ta' provi mod ieħor, it-talbiet tal-attur m'għandhomx jiġu akkolti.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

1. **Tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;**

2. **Tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' talba tal-attur. Fir-rigward tal-ewwel talba attriċi, jirriżulta li minkejja li l-attur kien ikun preżenti fuq is-sit ta' kostruzzjoni f'San Ġwann, madanakollu ma jistax jintqal li l-preżenza tiegħu u l-interess tiegħu fit-tlestija tal-proġett inkwistjoni kienu għall-benefiċċju esklussiv tas-soċjetajiet konvenuti, ladarba jirriżulta wkoll l-interess dirett tal-attur fit-tlestija tal-imsemmija xogħlijiet, u għaldaqstant l-ewwel talba qiegħda tiġi miċħuda wkoll.**

**Spejjeż tal-kawża a karigu tal-atturi.**

Moqrija.